# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tlieta 10 ta' Marzu, 2001 .

**Citazzjoni numru : 155/99G1(PC)**

**Alfred Mercieca u martu Rita Mercieca** .

**VS**

**Joseph u Frances konjugi Cini .**

Il-Qorti ,

Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi l-konvenuti odjerni Joseph u Frances Cini ipprezentaw citazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "Joseph u Frances Cini kontra Alfred Mercieca", Citazzjoni numru 93/1998 fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lil Alfred Mercieca illi huwa inadempjenti (sic) fil-konfront tal-atturi peress illi ma kesiex it-tarag komuni tal-blokk ta' appartamenti bla numru u bla isem fi Triq il-Qbajjar, Marsalforn Ghawdex illi huma kienu xtraw minghandu permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul Pisani tad-9 ta' Mejju 1990 b'materjal illi setgha jaghzel hu stess b'mod illi l-istess tarag ikollu finitura dicenti u peress li ma wahhalx il-poggament fuq l-istess tarag; tikkundannah illi fi zmien prefiss lilu minn din l-Onorabbli Qorti jiksi it-tarag komuni tal-blokk t'appartamenti msemmi b'materjal illi jaghzel hu stess b'mod illi l-istess tarag ikollu finitura dicenti u jwahhal il-poggament fuq l-istess tarag; u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jaghmlu x-xoghlijiet imsemmija ghas-spejjez tal-konvenut ;

Illi fuq il-kontumacja tal-konvenut Alfred Mercieca f'dik il-kawza din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talbiet attrici kif dedotti, b'sentenza moghtija minnha fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju 1993 ;

Illi l-meritu ta' dik il-kawza jolqot beni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-atturi u konsegwentement kienu iz-zewg atturi illi kellhom ikunu konvenuti f'dik il-kawza . Illi cjo' nonostante, l-attrici odjerna Rita Mercieca baqghet qatt ma giet notifikata bic-citazzjoni imsemmija . Per konsegwenza ghalhekk, il-konvenut fl-imsemmija kawza ma kienx il-legittimu kontradittur tal-atturi f'dik il-kawza ;

Illi inoltre s-sentenza li inghatat minn din l-Onorabbli Qorti fiha applikazzjoni hazina tal-Ligi in kwantu din il-Qorti accettat bhala veritjiera xhieda orali kontra l-kontenut tal-kuntratt ta' bejgh relattiv, u dan bi ksur tal-principju '***contra scriptum testimonium non fertur' ;***

Illi ghaldaqstant hemm lok ghar-ritrattazzjoni ta' dik il-kawza ghar-ragunijiet migjuba fl-artikolu 811 tal-Kap. 12, paragrafu (c) u (e) ;

Illi l-atturi, senjatament l-attrici Rita Mercieca, saru jafu b'dan kollu wara li ghalaq iz-zmien ghall-appell mis-sentenza tal-25 ta' Gunju 1999 ;

Illi ghaldaqstant l-atturi qeghdin jitolbu illi tithassar is-sentenza imsemmija tal-25 ta' Gunju, 1999, u illi konsegwentement tigi ritrattata mill-gdid il-kawza intentata mill-konvenuti odjerni .

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Fl-ewwel lok thassar interament, u l-kapi kollha tas-sentenza taghha tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju elf disa' mija disgha u disghin (1999) fil-kawza fl-ismijiet "Joseph u Frances Cini kontra Alfred Mercieca", Citazzjoni numru 93/1998 ghar-ragunijiet dedotti fl-artikolu 811 paragrafi (c) u (e) tal-Kap. 12 ;

2. Sussegwentement tirritratta t-talbiet tal-konvenuti odjerni kif dedotti fil-kawza fuq citata, prevja illi l-istess citazzjoni tigi notifikata mill-gdid u lill-partijiet kollha interessati ai termini tal-ligi .

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi mahlufa minn Rita Mercieca .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew :

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma inammissibbli stante illi gew ipprezentati oltre t-terminu ta' tlett xhur mid-data tas-sentenza attakkata kif stipulat mil-ligi fl-artikolu 818(d) tal-Kap 12 u dana peress illi t-talba ghar-ritrattazzjoni saret ghar-ragunijiet dedotti fl-artikolu 811(c) u (e) u ghalhekk tali talba hija tardiva .

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba ghar-ritrattazzjoni ghar-raguni dedotta fl-artikolu 811(c) l-anqas m'hi ammissibbli peress illi Alfred Mercieca kien persuna legittima fil-kawza li taghha qeghda tintalab ir-ritrattazzjoni u l-artikolu 811(c) ma japplikax ghal Rita Mercieca li kellha rimedji ohra fil-kawza li qeghda tigi attakkata .

3. Illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, lanqas m'hu l-kaz li tezisti xi raguni taht l-artikolu 811(e) ghat-thassir tas-sentenza tal-25 ta' Gunju, 1999 u s-sussegwenti ritrattazzjoni stante dato ma non concesso illi realment tezisti l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi Mercieca, it-talbiet attrici fic-citazzjoni li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni ma jinkwadrawx fl-ebda wahda mill-atti ta' amministrazzjoni straordinarja li jirrikjedu li jitharrku z-zewg konjugi flimkien skond l-artikolu 1322(2) u (3) tal-Kap. 16 u ghaldaqstant huwa applikabbli l-artikolu 1322(1) tal-Kap. 16 illi jikkonsenti illi jigi mharrek wiehed mill-partijiet mizzewgin biss u ma kien hemm l-ebda applikazzjoni hazina tal-ligi .

4. Illi l-konvenuti ghandhom ukoll jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront ta' Rita Mercieca peress illi ma jissussistux il-kundizzjonijiet disposti mil-ligi fl-artikolu 812 tal-kap. 12 ghat-talba tar-ritrattazzjoni da parti taghha .

5. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti debitament guramentata minn Joseph Cini .

Rat il-verbal maghmul fl-udjenza ta' l-24 ta' Ottubru 2000, imgedded fl-udjenza ta' l-1 ta' Marzu 2001, fejn din il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet preliminari.

Rat in-noti rispettivi tal-kontendenti fuq dawn l-eccezzjonijiet .

Rat l-atti l-ohra tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' ewwel eccezzjoni preliminari l-konvenuti qed jeccepixxu l-inammissibilita' ta' l-azzjoni prezenti minhabba illi giet ipprezentata 'fuori termine' .

Kif jindikaw l-istess atturi fic-citazzjoni taghhom huma qeghdin jibbazaw din l-azzjoni taghhom fuq il-paragrafi (c) u (e) ta' l-artikolu 811 tal-Kap. 12 li jirregola r-ritrattazzjoni ta' kawza . Billi ma kienx sar appell mis-sentenza li qed tigi attakkata, li ghalhekk ghaddiet in gudikat, japplika l-artikolu 812 ta' l-istess Kodici ghall-kaz in ezami . A tenur ta' dan l-artikolu r-ritrattazzjoni ta' kawza tista' tinghata "f'kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan (art. 811), **<u>basta li l-parti tkun giet taf bil-fatti illi minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell" .</u>**

Ghar-rigward ta' l-attur Alfred Mercieca ma ngabet ebda prova dwar dan u zgur li lanqas qatt jista' jkun il-kaz billi, ghalkemm baqa' kontumaci fil-kawza li qed tigi attakkata, irrizulta li kien

gie debitament notifikat bic-citazzjoni . Infatti l-kawza prezenti lanqas ma hi qed tigi bbazata fuq l-artikolu 811 (b) li jittratta n-nuqqas ta' notifika, imma, skond ma' jindikaw l-istess atturi fic-citazzjoni taghhom, fuq l-artikoli (c) u (e) ta' dan l-istess artikolu .

L-attrici da parti taghha ippruvat fid-deposizzjoni taghha taghti spjegazzjoni, ghalkemm pjuttost dghajfa, li hija saret taf biss bil-kawza kontestata malli rcevew il-kont ta' l-avukat tal-konvenuti prezenti (ara xhieda ta' l-attrici a fol. 16 –17 tal-process). Imma jibqa' l-fatt illi jezisti ostakolu iehor insormontabbli ghall-attrici, u dan huwa appuntu l-gist ta' l-eccezzjoni preliminari l-ohra tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' *locus standi* ta' l-attrici fil-kawza prezenti . M'hemmx dubbju illi l-attrici ma kenitx parti fil-kawza kontestata, anzi dan huwa proprju l-bazi ewlieni tal-kawza prezenti, u cioe' li dik il-kawza messa saret kontra taghha ukoll . Imma l-ligi tippermetti biss lill-Qorti takkorda talba ghar-ritrattazzjoni ta' kawza deciza "**fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess** (fit-test ingliz : "may be demanded by any of the parties concerned" ; art. 811, 812) .

Fil-kawza fl-ismijiet : "Harrison noe vs Zammit" (Kollez. XXII. III. 235) gie osservat illi " … il giudizio di ritrattazione ha un doppio oggetto: quello di fare annullare una sentenza **passata tra le parti in giudicato** e l'altro di riaprire la trattazione della causa e provocare un'altra sentenza …." .

Hekk ukoll fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-13 ta' Ottubru 1992 fil-kawza fl-ismijiet : "Ivan Burridge et noe. V. Alfred Pisani noe", li ttrattat proprju eccezzjoni simili dwar in-nuqqas ta' *locus standi in judicio* tas-socjeta' attrici, insibu jintqal specifikament illi : "Din l-istess attrici petizjonanti, hija dik li kienet l-attrici fil-kawza li taghha issa qed titlob ir-ritrattazzjoni. Ghalhekk **in-necessita' ta' identita' fil-persuna li titlob ir-ritrattazzjoni u dik li kienet parti fil-kawza "da ritrattare" hija sodisfatta.**" (Kollez. LXXVI. Pt. II. Sez. II-III p. 499) .

Huwa ovvju ghalhekk illi gialadarba l-attrici Rita Mercieca ma kenitx parti fil-kawza li taghha qed tintalab r-ritrattazzjoni hija ma ghandhiex ebda '*locus standi'* biex toqghod f'din il-kawza .

Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tilqa' dawn l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti, tiddecidi l-kawza billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom .

ft) Paul Coppini
Magistrat

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S15599Pc